# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru: 2784

Kaz Nru: 3673/ET

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Raymond Ellul (KI 452057 M)

u

Foundation for Tomorrow's Schools

Illum : 2 ta' Dicembru, 2021

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.**

**C**

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Dan il-kaz gie ntavolat mill-avukat Dr. Andrew Borg Cardona permezz ta' rikors datat 10 ta' Awwissu, 2018, f'isem ir-rikorrent.

Fir-rikors ir-rikorrent iddikjara li fit-8 ta' Mejju 2018, safa' mkecci mis-socjeta' ntimata minghajr raguni tajba u sufficjenti skont il-Ligi.

Illi r-rikorrent kien qieghed fuq *sick leave* u wara li talab estenzjoni skont il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tieghu, mhux biss ma nghatax estenzjoni izda ntalab jirrizenja u meta ma rrezenjax tkecca.

Ir-rikorrent hareg bis-*sick leave* fis-17 ta' Jannar 2018 u kellu parir mit-tabib tieghu li jista johrog mid-dar. Granet wara, is-Sur Jonathan Brimmer, *HR & Communications Manager* tas-socjeta' ntimata cempillu biex jara meta diehel lura fejn l-indikazzjoni kienet li s-*sick leave* kien se jkun fit-tul. Fl-10 ta' April, 2018, is-Sur Brimmer kitiblu biex jistaqsi fuq il-pozizzjoni tieghu.

Fit-12 ta' April 2018, ir-rikorrent talab biex jigi applikat favur tieghu hamsin fil-mija tas-*sick leave* mhux utilizzat skont procedura applikabbli. Fis-27 ta' April 2018 ir-rikorrent baghat certifikat mediku biex isostni dan. L-approvazzjoni ghal din it-talba mhux awtomatika u trid tigi approvata mill-Kap Ezekkuttiv.

Fit-2 ta' Mejju, 2018, is-Sur Jonathan Brimmer kitiblu li t-talba qed tigi rifjutata, jirrifjuta u talbu jirrezenja sas-7 ta' Mejju 2018. Ir-rikorrent ma laqax din it-talba li skont ir-rikorrent kienet abbuziva u mhux skont id-drittijiet tieghu.

Fid-9 ta' Mejju 2018, ir-rikorrent rcieva ittra mill-Kap Ezekuttiv tas-socjeta' ntimata s-Sur Mario Gafa' fejn infurmah bit-tkeccija tieghu b'effett mid-9 ta' Mejju 2018 ghal ragunijiet ta' sahha.

Ir-rikorrent sostna li l-agir tas-socjeta' ntimata ma kienx ragjonevoli kemm rigward it-talba ghal estenzjoni tas-sick leave kif ukoll meta minghajr forma ta' ebda diskussjoni qabdu u keccewh kiesah u bierad.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li jigi ddikjarat li s-socjeta' ntimata ma mxietx b'rispett lejn id-drittijiet tieghu u li tigi ddikjarata tkeccija ngusta u li jigi ordnat li jithallas kumpens xieraq.

Fid-dikjarazzjoni taghha, s-socjeta'' ntimata, permezz ta' l-Avukat Dr. Ishmael Psaila ddikjarat illi dak li qal ir-rikorrent fir-rikors u fid-dikjarazzjoni huwa infondat fill-fatt u fid-dritt u li dan se jkun ppruvat fil-process.

Illi t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent hija wahda gusta, stante illi din kienet skont il-prassi tas-socjeta'' ntimata, liema prassi hija dokumentata permezz tal-*HR Policy & Procedures manual*.

Illi r-rikorrent abbuza mill-pozizzjoni tieghu u ha vantagg tas-sistema, liema abbuz wassal ghad-detriment ta' l-operat tas -socjeta'.

Illi ghaldaqstant s-socjeta' ntimata talbet lit-Tribunal biex jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent u jikkonferma tkeccija gusta.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu x-xhieda migjuba mill-partijiet kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-tkeccija tar-rikorrent fuq ragunijiet ta' sahha kienetx wahda gusta u ghal raguni tajba u bizzejjed.

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha, d-dokumenti esebiti u mitluba, d-dikjarazzjonijiet tal-kaz u s-sottomissjonijiet finali u kkunsidra dawn il-punti ewlenin.

Ir-rikorrent kien ilu tnax-il sena fl-impjieg bhala *Projects' Supervisor* u fl-ewwel ghaxar snin ta' l-impjieg ma kellu l-ebda problema mas-socjeta'' ntimata. Il-problemi bdew fl-ahhar sentejn ta' l-impjieg. Ir-rikorrent kien riesaq lejn l-eta' tal-irtirar.

Ir-responsabbilitajiet tar-rikorrent kienu diversi ghax kien il-persuna fuq is-sit ta' progetti ta' diversi skejjel u kien irid jara li dawn il-progetti jitlestew fil-hin stipulat.

lIl-*Management* tas-socjeta' ntimata kellu tibdil sostanzjali fl-ahhar tlett snin ta' l-impjieg tar-rikorrent. Kienu anke nbidlu tlett Kapijiet Ezekuttivi.

F'dan l-ahhar perjodu tal-impjieg tieghu, meta kien hemm tibdil kontinwu fil-*management* tas-socjeta' ntimata, r-rikorrent kellu *admonishment letter* u zewg *warnings* rigward imgieba w attitudni. Dawn ma kienux ta' natura gravi. Kienu jirrigwardjaw xi nuqqasijiet dwar struzzjonijiet.

Fix-xhieda tieghu r-rikorrent tenna li f'dan il-perjodu ma kienx isib koperazzjoni minn ta' fuqu u hafna drabi kien jithalla wahdu biex jiehu certi decizjonijiet li ma kienux kompitu tieghu. Dawn ic-cirkostanzi aggravaw u hallew effett fuq sahhtu tant li hareg fuq *sick leave* li kien certifikat skont il-procedura tas-socjeta'. Kien ukoll iccertifikat minn psikjatra. Ir-rikorrent semma ukoll li f'dak il-perjodu kienu qed jitilqu hafna haddiema f'kull livell. Huwa tenna li ma kienx tkecca minhabba xogholu u li qatt ma kien ha *sick leave* fit-tul jew abbuza minnu tul l-impjieg tieghu.

IL-Kap Ezekuttiv li ttermina l-impjieg tar-rikorrent, is-Sur Mario Gafa, xehed li r-rikorrent ma kienx efficjenti u dejjem b'xi skuza. Huwa spjega ukoll kif saret it-tkeccija.

Illi r-rikorrent ha l-ewwel tletin gurnata *sick leave* u ha ukoll tletin gurnata *sick leave* fuq *half pay* skont kif kien intitolat. Is-Sur Gafa l-ewwel qal li kienu kitbulu u meta ma rrispondiex keccewh. Izda fil-kontro-ezami hareg li r-rikorrent kien irrisponda u talab approvazzjoni tal-estenzjoni tas-*sick leave* skont il-klawsola 4.4.1 tal-*HR Policies & Procedures Manual* tas-socjeta'' ntimata. Din il-klawsola tirrigwardja *Accumulation of sick leave,* illi ' *All employees may be allowed to carry over from the previous four (4) years, 50% of the unutilised sick leave(whether on full pay or half pay)* bl-approvazzjoni tal-Kap Ezekuttiv u wara li jkun ezawrit is-*sick leave bil-full u half pay* u ovvjament b'evidenza medika kontinwa.

Gie zvelat ukoll, li l-ewwel is-socjeta'' ntimata kitbitlu u talbitu jirrezenja, u wara li m'ghamilx hekk is-socjeta' regghet kitbitlu biex tinfurmah li l-impjieg kien qed jigi tterminat. L-ittri in-kwistjoni huma kollha esebiti.

It-talba tar-rikorrent giet rifjutata bir-raguni tkun *'in view of your persistent state of health and the nature of your duties'* u ntalab jirrezenja. Meta r-rikorrent ma rrezenjax, is-socjeta' kitbitlu permezz tal-Kap Ezekuttiv li l-impjieg gie tterminat.

Il-*Manager HR & Communications*, is-Sur Jonathan Brimmer xehed li r-rikorrent dejjem mexa skont il-proceduri tas-*sick leave* u d-decizjoni ta' tkeccija kienet tal-Kap Ezekuttiv u mhux tieghu u li saret minhabba esigenzi tax-xoghol ghax 'kien ghadu kif telaq *Project Supervisor* iehor'.

Fil-formula tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-*Jobs Plus,* is-socjeta' ntimata ddikjarat *'health reasons'* bhala raguni.

Il-Perit Raphael Axiaq, ex-Kap Ezekuttiv, is-Sinjura Roselyn Vella, Direttur fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Perit Aaron Abela, ex-*Chief of Projects' Implementation* xehedu li r-rikorrent ma kellux karattru facli u spiss kienu jkellmuh biex itejjeb l-attitudni lejn ix-xoghol.

**<u>Decizjoni</u>**

It-Tribunal analizza u wizen il-fatti, x-xhieda u l-provi li hargu, d-dokumenti esebiti u d-dikjarazzjonijiet u s-sottomissjonijiet finali.

Ir-rikorrent gie tterminat ghal ragunijiet ta' sahha wara li ma gietx approvata talba ghal estensjoni ta' *sick leave*. Kien imgieghel jirrezenja u meta m'ghamilx hekk, tkecca.

Matul il-process u fis-sottomissjonijiet finali s-socjeta' ntimata hadet pozizzjoni dixxiplinarja meta t-tkeccija ma saritx wara process dixxiplinarju izda saret wara li ma gietx approvata estensjoni tas-*sick leave.*

It-Tribunal jinnota li t-talba tal-estensjoni tas-*sick leave* ma gietx ikkonsidrata b'mod xieraq fejn l-ewwel tigi kkonsidrata s-sahha tal-haddiem u l-evidenza medika fattwali provduta, izda giet ikkonsidrata biss fuq ezigenzi tax-xoghol. Din harget cara mix-xhieda.

Hija prassi fl-ambitu tal-professjoni tar-Rizorzi Umani u Relazzjonijiet Industrijali li jekk kollox ikun in-regola talbiet bhal dawn ma jigux rifjutati bl-aspetattiva tar-risposta pozittiva.

Matul il-process is-socjeta'' ntimata ma gabet l-ebda prova li r-rikorrent ma kienx genwinament ma jiflahx u gie njorat kif saret it-tkeccija propja, jigifieri fuq talba ghal estensjoni tas-*sick leave* u ppruvat targumenta fuq certi nuqqasijiet tar-rikorrent li fil-verita' ma wasslu ghal l-ebda process dixxiplinarju li setghu wasslu ghal tkeccija.

It-Tribunal jinnota ukoll li s-socjeta' ntimata wriet nuqqas fit-tmexxija u decizjoni tal-kaz meta l-ewwel gaghlet lir-rikorrent jirrezenja umbaghad keccietu ghax m'ghamilx hekk, u dan minghajr ebda forma ta' smiegh xieraq biex jiddefendi ruhu.

Dan it-Tribunal qed jiddeciedi fuq nuqqas ta' ragunijiet tajba u sufficjenti u ghaldaqstant fuq tkeccija ngusta.

It-Tribunal jaghraf lok ghal kumpens ghar-rikorrent li qed jigi stabbilit fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf euro (€ 22,000) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata fiz-zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal finijiet tal-Kap 452. tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' erba' u disghin ewro ( €94).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip. Mgt**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Daniela Attard**

**Ghas/Segretarja**